**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.; M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**William Cuschieri**

Kawza numru: 3617/2025

**Illum, 04 ta' Lulju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**William Cuschieri,** ta' 42 sena bin John Mary u Mary Therese, imwieled fil-21 ta' Jannar 1982 u joqghod 154, Triq Lorenzo Gafa, Mosta; [1]

**Akkuzat** talli:

Fl-14 ta' Gunju 2024 18:10 gewwa Rabat:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li taghmel xi reat ġewwa l-gzejjet Maltin;

[1] Folio 1 u 2 tal-process

2. Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi ohra skont l-Artikolu 412C Kap 9;

3. Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Caruana Martina skont l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali Art 383 Kap 9.[2]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2025 il-prosekuzzjoni u id-difiza ghamlu is-sottomissjonijiet taghhom.[3]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan il-kaz jirrigwarda rapport li ghamlu Dr. Emma Portelli Bonnici u Dr. Martina Caruana fejn din tal-ahhar wara li akkumpanjat lill-klijenta taghha Charlene Friggieri fl-Unita tal-Vjolenza Domestika marret l-ghassa tal-Mtarfa taghmel rapport peres illi fir-recordings bejn Charlene Friggieri u l-imputat kien hemm theddid mhux biss fuq il-klijenta taghhom izda ukoll fuqhom.

Mitkellem mill-pulizija l-imputat jichad dak addebitat lilu. Qal li huwa lanqas biss jaf min huma l-avukati ta' Charlene Friggieri.

[2] Folio 1 tal-process.
[3] Folio 32 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

**L-Atti Processwali.**

Xehed **PS 1148 Adrian Zahra** li qal li irrikorrew l-ghassa tal-Mdina Dr. Emma Portelli Bonnici u Dr. Martina Caruana u qalu li dak in-nhar stess ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (13.30hrs) din tal-ahhar kienet qieghda takkumpanja lill-klijenta taghha gewwa s-sezzjoni tal-unita tal-Vjolenza Domestika gewwa l-Kwartieri Generali Tal-Pulizija u semghu recordings li fih kien hemm xi theddid. Huwa kien baghat ghall-imputat u wara li tah id-drittijiet tieghu skond il-ligi qal li l-imputat qal li lanqas biss jafhom lill-avukati ta' Charlene. Jghid li sema' r-recordings u ghalkemm fl-ebda him ma jinstema' l-imputat jghid li ser jaqtalu rasu jew jaghti zewg tiri jinstema' jghid li ser imiss lil Charlene u jmiss lilu jew lilha ( avukati).[4]

Xehed permezz ta' affidavit **Anthony Bonnici** ghan-nom tal-Go p.l.c. li ipprezenta dokument fuq in-numru 99018290 li jirrizulta li jghajjat lill-imputat sa mit-3 ta' Settembru 2021.[5]

Xehdet **Charmaine Zammit** permezz ta' affidavit a nom ta' Epic Communications Ltd. li ipprezentat dokumentazzjoni fuq il-mobile ta' Charlene Friggieri.[6]

Xehdet **Dr. Martina Caruana** nhar il-25 ta' April 2025 fejn spjegat li hija u Dr. Emma Bonnici Portelli jirraprezentaw lil Charlene Friggieri li hija l-ex-partner tal-imputat.[7] Qalet li hija akkumpanjat lill-klijenta taghha u semmatilhom recording fejn instema' theddid mill-imputat fil-konfront tal-klijenta taghha u tal-avukati taghha.

[4] Folio 4 tal-process.
[5] Folio 7 tal-process.
[6] Folio 10 tal-process.
[7] Folio 19 tal-process.

Tghid li fir-recordings tinstema' Charlene tghid: **'Mhux qed tisfidani qed theddidni li jekk inqabbad avukat, taghtih zewg tiri?**

U l-imputat William Cuschieri **instema' jghid 'Dik mhux sfida, dik inwieghdek li naghmilha. Li mmiss lilek u lilu. Qaltlu 'jigifieri qed thddidna' Qalila 'U Mela'**[8]

Tghid li dan ir-recording instema' minn fuq il-mobile ta' Charlene. Tghid li hija ghandha zewg mobiles u d-diskursata irrekordjatha bil-mobile l-iehor.[9] Issostni li n-numru tal-linja ma tafx x'inhu.[10]

Kontro-ezaminata tghid li hija tirraprezenta lil Charlene Ferriggi f'affarijiet civili. Tikkonferma li lill-imputat qatt ma iltaqghet mieghu jew kellmitu. Tghid li t-telefonata ircievietha l-klijenta taghha fuq il-mobile taghha. Ma tafx jekk kienx Dr. Cuschieri li cempel lil Charlene jew vice versa. Tishaq li kien hemm referenza diretta ghall-avukati.[11] Tghid li qatt ma kitbet lil Dr. Cuschieri ghan-nom tal-klijenta taghha u tghid li gharfet il-vuci tieghu ghax semghetu jitkellem il-Qorti. Tghid li ma ikkomunikatx ma' Dr. Cuschieri fuq dan il-kaz. Tghid li taf li qabilhom Charlene kellha avukat iehor.[12]

Xehdet **Dr. Emma Portelli Bonnici** nhar il-25 ta' April 2025 fejn ghazlet li tixhed bl-Ingliz. Tghid li r-recoding wasal ghandha jew mill-klijenta jew minnghand Dr. Caruana.

Tghid li l-konversazzjoni bejn l-imputat u l-kljenta taghha kienet is-segwenti:

[8] Folio 20 tal-process.
[9] Folio 22 tal-process. Id-difiza mhux qed tikkontesta id-diskors fuq ic-CD.
[10] Folio 23 tal-process
[11] Folio 24 tal-process.
[12] Folio 25 tal-process.

‘Ma tisfidax ghadek kif ghidtli li jekk immur ghand avukat taghtih xi tiri?’

Dr. Cuschieri: Le le Alla, dik mhix sfida.... dik mhix sfida, dik ghal Madonna, nwieghdek li naghmilha.... li haqq Alla lilek u mmiss lilu jew lilha...... U mela.’[13]

Kontro-ezaminata ma tiftakarx jekk qatt baghtitx xi korrispondenza lill-imputat.[14]

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat taht l-arikolu 49(a) tal-Kap 399 Att biex jirregola Komunikazzjoni Elettronici li jaqra s-segwenti:

*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika-*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat;*

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza targumenta li:

1. L-avukat/i ta' Charlene Ferriggi mhux identifikati fir-recording;
2. Ir-recording ma gie ikkonfermat minn hadd;
3. Jghid li l-allegat incident sar ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar gewwa l-Unita tal-Vjolenza Domestika meta l-hin fil-komparizxxi huwa fis-sitta u ghaxra ta' fil-ghaxija (18.10hrs) gewwa r-Rabat.
4. Charlene Farrugia ma xehditx f'dawn il-proceduri biex tikkonferma l-incident. B' hekk hemm biss *hearsay evidence*.

[13] Folio 28 tal-process.
[14] Folio 29 tal-process.

5. Jigi attakkat l-affidavit ghax isfel hemm li gie guramentat l-ghassa tal-Imtarfa filwaqt li fuq l-ufficjal jghid li huwa stazzjonat l-ghassa tar-Rabat.[15]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tibda biex tirriafferma li fatt li l-provi processwali jridu jinkwadraw fl-akkuza kif dedotta.[16] Il-Qorti taqbel mad-difiza li anki jekk ghall-grazzja tal-argument kien hemm xi theddid fuq il-parte civile mill-imputat dawn certament ma sehhewx fir-Rabat u saru ferm qabel il-hin indikat fic-citazzjoni.

Konsegwentament l-provi ma jinkwadrawx fic-citazzjoni ghax l-imputat ma ghamel l-ebda theddid fil-konfront tal-kwerelanti gewwa r-Rabat fis-sitta u ghaxra ta' fil-ghaxija (18.10hrs) fl-erbatax ta' Gunju elfejn u erbgha u ghoxrin (14/06/2024).

Ghalkemm, dak allegat fuq l-imputat **hu altament deplorevoli u kundannabbli,** fic-cirkostanzi tal-kaz u in vista ta' dak kollu fuq espost, din il-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief li tiddikjara li l-provi mressqa ma jilhqux il-prova rikjesta mil-ligi fil-kamp kriminali sabiex tinstab htija fl-imputat.

---

[15] Hawn il-Qorti tirrileva li ai fini tal-ligi, ossija l-artikolu 7 tal-Kap 79 tal-LIgijiet ta' Malta, l-post fejn jinghata l-gurament huwa l-importanti u mhux fejn wiehed ikun jew ma jkunx stazzjonat. Fil-fatt wiehed jista' jkun stazzjonat ghal grazzja tal-argument Ghawdex u jittihidlu il-gurament l-Ghassa tal-Mosta. Konsegwentement, il-Qorti tqis li l-affidavit ta' PS 1148 Adrian Zahra huwa tajjeb u mehud in konformita' mal-ligi.

[16] Ara il-**Pulizija vs Katerina D' Amato** et. (App. Nru. 123/2008) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef David Scicluna fil-5 ta' Novembru 2008 kif ukoll **Il-Pulizija vs Luciano Mirabitur** (App. Nru. 229/2018) mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera fis-16 ta' Mejju 2019.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikolu 49(a) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat **WILLIAM CUSCHIERI MHUX HATI** tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u qed tilliberah minn kull htija u piena fir-rigward tal-istess.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-partijiet jinghataw kopja ta’ din is-sentenza immedjatament u li kopja ta’ din is-sentenza titpogga fuq is-sistema digitali tal-Agenzija ghas-Servizzi tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 04 ta’ Lulju 2025, fil-bini tal-Qorti, Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur